MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 268/2010

**Mobile Communications Limited – C24655**

**vs**

**Joseph Aquilina – ID-542174M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta’ Frar tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta’ tliet mija u tmienja u tmenin ewro u tliet centezmi (€388.03) rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut in konnessjoni ma’ servizzi rezi skont kuntratt bin-numru 392888, u dan ghax-xhur bejn is-sena elfejn u sebgha (2007) u s-sena elfejn u disgha (2009), bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz u bl-imghaxijiet sa mid-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa' ma pprezenta l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Sema' lill-PL Peter Paul Sammut jikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont kien ghadu dovut peress illi ma sar l-ebda pagament fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Ra wkoll li l-konvenut ghalkemm gie msejjah diversi drabi baqa' ma deherx u ghalhekk wisq anqas ressaq provi in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta' tliet mija u tmienja u tmenin ewro u tliet centezmi (€388.03) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------